MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 19/2006

**Mark Bradley Speigner**

**vs**

**M. Quip Co. Ltd**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta’ Ottubru, 2006 it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “Dan il-Kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali b' Nota prezentata fit-12 ta' Marzu 2003.
>
> It-Tribunal zamm 28 seduta.
>
> Mark Bradley Speigner, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Martin Testaferrata Moroni Viani u M-Quip Co. Ltd., aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata mis-sinjuri Alfred,

Daniel u Roberta Schembri assistiti mill-Avukat Albert Libreri.

Fl-Istqarrija tal-Kaz l-appellant jghid li gie mkecci ingustament u mhabba eta u origini barranija ghandu opportunitajiet limitati biex isib xoghol iehor. Ma talabx li jigi mpjegat mill-gdid izda li jinghata kumpens xieraq.

Il-Kumpanija qalet li tterminat l-impieg ta' l-appellant ghaliex :

1. kien introduca r-ragel ta' ohtu, John Dyer, bhala bniedem ta' fiducja, investitur kbir u espert fil-"computers" u "networks". Dan hajjarhom biex jidhlu mieghu f' kumpanija f' dan il-qasam izda ma onorax il-ftehim u l-appellant ghenu biex jifforma kumpanija simili ma' terzi b' detriment ghall-interessi tal-Kumpanija li maghha kien impjegat;
2. involva ruhu f' kumpanija ohra simili ghal dik li kienu dahlu fiha u dan waqt li kien fl-impieg tal-Kumpanija u minghajr ma nfurmahom.
3. Biex wettaq dak imsemmi f' 1 u 2 uza abbuzivament tghamir u facilitajiet tal-Kumpanija;
4. minkejja li d-diretturi kienu ghenuh hafna fi problemi personali u finanzjarji wasal biex juri disrispett lejhom, jittraskura ix-xoghol tal-Kumpanija u sahansitra hadem kontra l-interessi taghhom.

Mix-xhieda u mid-dokumenti jirrezulta li :

1. ma giex pruvat li l-appellant wera disrispett lejn id-diretturi u anqas li ttraskura x-xoghol tal-Kumpanija. Anzi kien jakkwista xoghol tajjeb ghall-Kumpanija;
2. id-diretturi ttrattaw tajjeb hafna lill-appellant u ghenuh fi problemi li kellu. Ghalhekk kellhom dritt jippretendu li jkun lejali maghhom;
3. il-kumpanija li kienu dahlu fiha d-diretturi ma' Dyer ma rnexxietx u waqt li kienu qed isiru negozjati biex din tinhall l-appellant kien qed jati pariri lil Dyer kontra l-interessi tal-principali tieghu;
4. waqt li kienet ghadha tezisti l-kumpanija bejn il-principali tieghu u Dyer, l-appellant flimkien ma' dan ta'

l-ahhar dahal f' kumpanija fl-istess qasam kontra l-interessi taghhom u minghajr ma infurmahom;
5. fl-agir tieghu deskritt f' 3 u 4 ghamel uzu ta' tghamir u facilitajiet tal-Kumpanija;
6. pogga l-interessi ta' John Dyer, kif ukoll tieghu, qabel dawk tal-Kumpanija li kienet timpjegah.

It-Tribunal japprezza li l-appellant ghal numru ta' snin ta servizz tajjeb lill-Kumpanija u li nqabad f' sitwazzjoni antipatika fejn kienu nvoluti l-interessi tar-ragel ta' ohtu u ta' dawk li kienu jimpjegawh.

Minkejja dan, l-ewwel obbligu kien li jhares l-interessi tal-Kumpanija li kienet timpjegah u xejn ma seta' jiggustifika li b' xi mod jagixxi kontra l-interessi taghha. Barra minn hekk imissu nforma l-Kumpanija li kien se jinvolvi ruhu f' kumpanija ohra. Fuq kollox kien jixraq li jkun aktar grat ghat-trattament tajjeb u l-ghajnuna li kien ircieva minn ghand id-diretturi.

It-Tribunal isib li, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, kien hemm gustifikazzjoni ghat-terminazzjoni ta' l-impieg.

Ghalhekk it-Tribunal jiddeciedi li kien hemm raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi ghat-tkeccija ta' l-appellant.

Ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fiz-zmien stabbilit fil-ligi minhabba xhieda u dokumenti volominuzi, limitazzjoni ta' facilitajiet u nuqqasijiet amministrattivi.

Ghal-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm40 (erbghin lira)

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol."

Bl-appell tieghu minn din is-sentenza r-rikorrenti Mark Bradley Speigner jissottometti, bhala l-uniku aggravju, illi

t-Tribunal Industrijali interpreta l-ligi zbaljatament u dan wasslu ghal gudizzju errat. Evidentement, huwa jressaq din il-proposizzjoni bi gravam ghax konxju mill-fatt illi l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452) jakkordalu biss dritt ta' appell "fuq punt ta' ligi" [Artikolu 82 (3)];

Mill-ispjegazzjoni moghtija mill-appellanti kollox jirrivolvi madwar il-konsiderazzjoni illi, skond hu, il-ligi dwar l-impjiegi hi "fundamentalment ibbazata fuq il-principji tad-dritt kummercjali u civili dwar l-Agenzija". Huwa fuq din il-premessa li jghaddi, imbaghad, biex jikkritika d-deduzzjonijiet tat-Tribunal relattivament ghall-obbligazzjonijiet tieghu fi hdan l-azjenda li taghha kien impjegat bhala "Sales Manager";

Minghajr ebda ezitazzjoni din il-Qorti ssib illi, koncettwalment, il-proposizzjoni ta' l-appellanti dwar in-natura ta' kuntratt ta' impjieg hi ghal kollox zbaljata. Bazikament, ghax tali kuntratt hu wiehed subordinat u mhux awtonomu u allura ma jippermettix illi l-impjegat ikun dipendenti u indipendenti fl-istess waqt biex, kif jippretendi l-appellanti, jinnegozja anke ghalih innifsu. L-istess Att regolatur fuq imsemmi, ex-Artikolu 2, jiddefinixxi "impjegat" bhala "persuna li tkun ghamlet jew tahdem taht kuntratt ta' servizz jew li tkun intrabtet personalment li taghmel xi xoghol jew hidma ghall-haddiehor, u taht id-direzzjoni jew il-kontroll immedjat ta' persuna ohra …";

Minn din id-definizzjoni jiskaturixxu, imbaghad, fost ohrajn, is-segwenti obbligazzjonijiet ta' l-impjegat fir-relazzjoni tieghu ma' min ihaddmu:-

(1) B' mod generali, kif applikabbli ghall-kuntratti kollha, dak tad-diligenza, ex-Artikolu 1132 (c), Kodici Civili;

(2) Ukoll in linea generali, il-korrettezza u l-bwona fede, ex-Artikolu 993, Kodici Civili;

(3) Specifikament, l-obbligu tal-fedelta jew tal-lealta *vis-à-vis* l-azjenda jew il-principal.

Tali obbligazzjonijiet jibqghu jipperduraw matul il-perijodu kollu tar-rapport ta’ impjieg, kompriz, allura, il-perijodu ta’ xi preavviz li jwassal ghat-temm tieghu. Hu, ghalhekk, logikament mistenni illi l-impjegat jastjeni ruhu minn imgieba li ggib ksur ta’ dawn l-obbligazzjonijiet, jew li minn natura u l-konsegwenzi taghha tkun f’ kuntrast mad-dmirijiet tieghu fl-azjenda, jew, ukoll, li tikkreja sitwazzjoni ta’ konflitt jew titqies lesiva tal-presuppost fiducjarju tar-rapport. Fil-verita`, l-obbligu tal-fedelta u tal-lealta ma ghandu qatt jigi nieqes, lanqas f’ xi attivita` extra-lavorativa;

Dejjem in tema, jikkonsegwi illi l-impjegat ma jistax jitratta affari ghalih innifsu jew ghal terzi f’ konkorrenza ma’ min ihaddmu. Ghal din il-Qorti imgieba bhal din hi forsi l-aktar wahda insidjuza ghall-interessi tal-principal ghax tigi zvolta permezz ta’ l-isfruttar ta’ konoxxenza (teknici jew kummercjali) akkwiziti fil-kors ta’ l-impjieg. Partikolarment, imbaghad, fiz-zmien meta r-rapport tax-xoghol ikun ghadu ma ccessax;

Dan kollu suespost b’ mod generali qed jigi sottolinejat in kwantu jakkwista importanza vitali fl-analisi tal-kondotta ta’ l-appellanti, kif mit-Tribunal traccjata fis-sentenza appellata. Bizzejjed li jsir accenn u enfasi ghall-fatt ipprovat tal-kostituzzjoni ta’ socjeta` konkorrenzjali mill-appellanti fil-pendenza tar-rapport tax-xoghol. Il-Qorti hawn qed tirreferi ghal kumpanija Net 2 Phone Ltd registrata fis-26 ta’ Dicembru 2002 (ara Statut taghha a fol. 143) fejn l-objettivi taghha kienu konsimili ghal dawk ta’ Worldteck Solutions Ltd imwaqqfa minn kumpanija affiljata tas-socjeta` appellata. (Vanguard Billiard Tables Ltd) u l-appellanti in rapprezentanza ta’ silfu John Dyer. Bhat-Tribunal qabilha, l-Qorti hi tal-fehma illi l-vjolazzjoni ta’ l-obbligu ta’ non-konkorrenza, (indipendentement mill-intenzjoni assunta mill-kumpanija li kienet ser twaqqaf l-

attivita` taghha f' dan is-settur) u allura tas-sussistenza tal-kawza valida ta' tkeccija, hi wkoll rinvenuta fl-imgieba ta' min, bhall-appellanti, jassumi l-kwalita` ta' socju f' kumpanija konkorrenti, u dan minghajr ma jikkomunikah lil min ihaddmu. Addizzjonalment ma' dan hemm, imbaghad, l-addebiti l-ohra rinfaccjati lill-appellanti sew mill-kumpanija appellata kemm mit-Tribunal u li wkoll, fil-konsiderazzjoni tal-Qorti, ma jistghux jitqiesu infrazzjonijiet ta' ftit importanza. In propozitu, filwaqt li hu rikonoxxut li l-motiv tal-licenzjament ghandu jkun ta' certa gravita, din il-gravita tista' tigi jew mill-fatt singolu fih innifsu, jew inkella mir-reiterazzjoni sistematika ta' fatti diversi. Ara "**Spizjar George Mallia -vs- Joseph Azzopardi *et***", Qorti tal-Kummerc, 5 ta' Gunju 1951. Tali, jista' jinghad, li kien il-gudizzju tat-Tribunal fil-valutazzjoni tieghu tal-gravita tal-kondotta inadempjenti ta' l-appellanti, u dak il-gudizzju l-iehor kombaccjat tal-verifika tal-proporzjonalita` bejn tali kondotta u r-rimedju estrem kostitwit bil-licenzjament. Ragonevolment, fil-hsieb tal-Qorti, il-gudizzji hekk maghmula mit-Tribunal ma jistghux jitqiesu censurabbli minnha fil-kumpless tac-cirkustanzi kollha tal-kaz. Anzi, biex tghid kollox, ma jidhrilhiex li dawn l-istess cirkustanzi kienu jissuggerixxu t-tenwita tas-sanzjoni adottata mill-kumpanija appellata a favur tas-sanzjoni minuri tal-"*warning*";

Kien jinkombi fuq l-appellanti, *qua* impjegat, li fl-ezekuzzjoni tad-dmirijiet tieghu jaghmel dak kollu possibbli fl-interessi tal-kumpanija li impjegatu. Dan hekk tesigieh, u b' mod indispensabbli, kemm il-ligi ta' l-impjiegi kif ukoll is-sens komun. Dan proprju ghaliex il-kriterju ta' l-interessi tal-kumpanija jimponi ruhu b' tali mod illi hu impellenti illi l-prestazzjonijiet ta' l-impjegat ikunu korrelati ma' dawk ta' l-esigenzi partikulari ta' l-azjenda. Meta jinstab li dan ma huwiex hekk il-kaz, l-inadempjenza ta' l-obbligazzjonijiet assunti, tissarraf f' motiv gust ta' tkeccija. Dwar dan il-gurisprudenza taghna hi pjuttost konkordi u dan minn zmien sekolari. Ara "**Serbi -vs- De Piro *nomine***", Qorti tal-Kummerc, 23 ta' Dicembru 1898. Ma tezisti ebda gustifikazzjoni f' dan il-kaz biex il-Qorti

tallontana ruhha mir-ragonament u l-konkluzjoni tat-Tribunal fuq dan il-punt.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata tat-Tribunal Industrijali, bl-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu sopportabbli mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------